31982R3402

L 357/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 18.12.1982

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3402/82
tas-17 ta' Diċembru 1982
dwar il-klassifika ta' oġġetti taħt is-sottotitolu 38.19. X tat-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar 1969 dwar miżuri li għandhom jittieħdu għall-applikazzjoni unformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat minn l-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikolari Artikolu 3 tiegħu,

Filwaqt li biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, għandha ssir dispożizzjoni għall-klassiffika tat-tariffa ta' preparazzjoni ta' bażi għal *chewing gum*, fl-għamla ta' biċċiet ċilindriċi li jikkonsistu (b'piż) f'34 % ta' gomma sintetika, 15 % politilin, 13 % poli(aċetat tal-vinil), 28 % raża veġetali (tal-ħxejjex) u 10 % karbunat tal-kalċju);

Filwaqt li t-titolu Nru 38.19 tat-Tariffa Doganali Komuni, mehmuż(a) mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3000/82 [3] jinkludi *inter alia* preparazzjonijiet ta' l-industriji kimiċi u assoċjati mhux speċifikati jew inklużi band'oħra;

Filwaqt li l-prodott in kwestjoni għandu l-karatteristiċi ta' preparazzjoni ta' l-industriji kimiċi jew bħalhom;

Filwaqt li, fl-assenza ta' titolu aktar speċifiku, għandu jkun klassifikat taħt it-titolu Nru 38.19; filwaqt li, taħt dak it-titolu, is-sottotitolu 38.19 X huwa xieraq;

Filwaqt li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Preparazzjonijiet ta' bażi għal *chewing gum*, fl-għamla ta' biċċiet ċilindriċi li jikkonsistu (b'piż) f'34 gomma sintetika, 15 % politilin, 13 % poli(aċetat tal-vinil), 28 % raża veġetali (tal-ħaxix) u 10 % karbunat tal-kalċju għandhom ikunu kklassifikati fit-Tariffa Doganali Komuni taħt is-sottotitolu:

38.19 Prodotti kimiċi u preparazzjonijiet ta' l-industriji kimiċi jew assoċjati (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlit ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inkluż band'oħra; prodotti residwi ta' industriji kimiċi u assoċjati, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra:

X. Oħra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1982.

Għall-Kummissjoni

Karl-Heinz NARJES

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.
(2) ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.
(3) ĠU L 318, tal-15.11.1982, p. 1.